# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tlieta (3) ta' Ottubru 2023**

**Rikors Numru 1191/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Dr. Abigail Bugeja (K.I. 74986M) li qed tidher bħala mandatarju speċjali tas-soċjeta' Bianchi Trading & Shipping Limited (C1404) f'isimha proprju U bħala aġent tas-soċjeta' estera Hapag-Lloyd Aktiengesellschaft**

**Vs**

**Direttur Ġenerali (Dwana)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 12 ta' Diċembru 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti nomine talbet is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' rikorrenti Bianchi Trading & Shipping Ltd. taġixxi bħala aġent tas-soċjeta' estera Hapag-Lloyd Aktiengesellschaft li hija l-operatriċi u l-kerrej tat-tlett (3) containers CAIU 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252.*

    2. *Illi l-istess soċjeta' rikorrenti estera kienet ġiet inkarigata biex tittrasporta l-imsemmija containers mill-Port ta' Jebel Ali ġewwa Dubai sal-port ta' Bar li jinsab ġewwa Montenegro. Fil-fatt, l-istess containers tniżżlu fil-port ta' Bar ġewwa Montenegro minn fuq il-bastiment bl-isem CONTI PARIS nhar is-sittax (16) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) sabiex jiġu rtirati mir-reċivituri 'Montenegro Duvan Commerc' u dan skond l-informazzjoni li hemm indikati fuq it-tlett (3) Bills of Lading li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'BT1', 'BT2' u 'BT3' rispettivament.*

3. *Illi r-riċevituri li hemm indikati fuq l-imsemmija Bill of Lading ma rtirawx it-tlett (3) containers u minħabba f'hekk l-istess containers ġew ritornati lis-Shipper rispettiv u ċioe' ġewwa l-Port ta' Jebel Ali, f'Dubai, u dan bħalma huwa evidenzjat mill-informazzjoni li hemm indikata fuq iż-żewġ (2) Bills of Lading li nħarġu sussegwentement u li qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'BT4', u 'BT5' rispettivament;*

4. *Illi waqt it-traġitt li kellu jsir mill-Port ta' Bay ġewwa Montenegro għall-Port ta' Jebel Ali li jinsab ġewwa Dubai, il-bastiment NORDEROOG li kien qed jittrasporta l-imsemmija containers kellu jieqaf fil-Port ta' Marsaxlokk, Malta għall-transshipment;*

5. *Illi fid-disa' (9) u fil-ħdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019), is-soċjeta' rikorrenti ġiet infurmata permezz ta' żewġ emails mibgħuta mill-intimat illi t-tlett (3) containers enumerati CAIU 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252 ġew magħżula mill-Custom Scanning Unit sabiex isir l-iscanning rispettiv. Kopja ta' dawn iż-żewġ (2) emails qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'BT6';*

6. *Illi sussegwentement u permezz ta' Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), liema nota qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'BT7', is-soċjeta' rikorrenti ġiet formalment infurmata illi t-tlett (3) containers enumerati CAIU 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252 ġew maqbuda mill-intimat ai termini tal-Artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta stante li qed jiġi allegat li l-imsemmija containers intużaw bil-għan li tiġi trasportata merkanzija li ma ġietx iddikjarata;*

7. *Illi r-rikorrenti jsostnu illi bil-qawwa kollha illi huma assolutament ma kellhom ebda għarfien kif previst fl-Artikolu 68 tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta li l-imsemmija containers operati minn u mikrija lis-soċjeta' rikorrenti Hapag-Lloyd Aktiengesellschaft liema soċjeta' hija rappreżentata minn Bianchi Trading & Shipping Ltd. setgħu kienu b'xi mod involuti f'xi ksur tal-Ordinanza tad-Dwana u għalhekk il-qbid odjern huwa arbitrarju u nġust u l-fattispeċi tal-każ relattivament għal-pożizzjoni tar-rikorrenti huma tali li l-istess qbid qatt ma kellu jsir fil-konfront tar-rikorrenti u tal-assi tagħhom;*

8. *Illi r-rikorrenti u d-diretturi rispettivi tagħhom ma jistgħu qatt ikunu misjuba bi ksur tal Artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Kapitlu 37 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex l-allegat ksur seta' sar biss minn terzi, klandestinament fil-propjeta' tagħhom u assolutament mingħajr parteċipazzjoni, konoxxenza jew għarfien la dirett u lanqas indirett da parti tagħhom previst u kuntemplat mil-liġi;*

9. *Illi kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna l-aġir tal-intimat ġja kkawża u qiegħed jikkawża danni inġenti lir-rikorrenti naxxenti mill-fatt illi b'konsegwenza diretta ta' tali qbid;*

10. *Illi l-intimat minkejja li ġie debtiament interpellat sabiex jirrilaxxa l-imsemmija containers dettaljati fin-nota ta' qbid numru 421/2019 u*

*jirrevoka, jirtira u jannulla l-istess Nota ta' qbid u jirritorna l-pussess effettiv tal-oġġetti maqbuda, baqa' inadempjenti;*

*Għaldaqstant, l-intimat għandu jgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra opportuna, tilqa' s-segwenti talbiet billi:*

1. *Tiddikjara li n-Nota ta' Qbid bin-numru 421/2019 u datata tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) kif maħruġa fuq is-soċjeta' 'Bianchi Trading and Shipping Ltd" hija nulla u tordna konsegwentement ir-rilaxx tal-imsemmija containers;*

2. *Tiddikjara li n-Nota ta' Qbid bin-numru 421/2019 u datata tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) inħarġet inġustament, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni legali effettiva fil-konfront tar-rikorrenti u għalhekk għandha tiġi revokata;*

3. *Tordna lill-intimat jirrilaxxa l-containers enumerati CAIU 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252 li jinsabu fil-pussess tiegħu lis-soċjetajiet rikorrenti u tordna konsegwentement għalhekk ir-rilaxx tal-imsemmija containers;*

4. *Tiddikjara lill-intimat responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti bħala konsegwenza tal-ħruġ tan-Nota ta' Qbid bin-numru 421/2019 u datata tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fuq imsemmija u tal-azzjonijiet tiegħu sussegwentement għal tali ħruġ;*

5. *Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;*

6. *Tikkundanna lill-intimat li jħallas lir-rikorrenti kwalsiasi ammont li jiġi hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż u interessi legali kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-15 ta' Jannar 2020 id-Direttur Ġenerali (Dwana) għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi in linea preliminari, u għal kull bon fini, il-proċedura tal-azzjoni odjerna kellha tiġi intavolata permezz ta' rikors u mhux ta' rikors ġuramentat u dan ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap. 37;*
   2. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet seġwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:*

      *i Illi l-fatti tal-każ jikkonċernaw qbid ta' tlett (3) containers enumerati CAIC 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252, liema containers ġew maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid bin-numru*

*421/20191 li kienu abbord il-bastiment NORDEROOG li kien wieqaf fil-Port ta' Marsaxlokk għal transhipment.*

*ii Illi skont dak indikat fuq il-bills of Ladings li jikkonċernaw it-tlett (3) containers suesposti, il-merkanzija li kienet qed tinġarr kellha tikkonsisti unikament f' tobacco paper. Iżda ġara li wara li dawn il-containers kienu magħżula sabiex jiġu spezzjonati mill-Customs Scanning unit, irriżulta li dawn il-containers kienu qed iġorru tabakk mhux iddikjarat. In vista ta' dan il-fatt, id-Dwana lokali kienet obbligata li taġixxi ai termini tal-Kap. 37 quddiem dawn id-dikjarazzjoniet qarrieqa u tentattiv ta' kuntrabandu u li b'hekk għaddiet sabiex tikkonfiska kemm it-tabakk mhux dikjarat, u kif ukoll b' konsegwenza diretta u tassattiva l-containers mertu ta' din il-kawża ai termini tal-artikoli 68(1) u 69(1)(2) tal-Kap. 37 gjaladarba kienu l-mezz ta' ġarr, ħabi u ċaqliq ta' dan it-tabakk mhux iddikjarat;*

*iii Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li ma kellhom l-ebda għarfien kif previst fl-artikolu 68 tal-Kap. 37 u li għalhekk il-qbid odjern huwa arbitrarju u inġust ma jreġġix, ġjaladarba t-terz li għamel użu mill-containers kien qiegħed jikri l-istess containers bl-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti, u l-konsegwenzi legali fiċ-ċirkostanzi odjerni huma dawk ta' konfiska salv kull dritt spettanti lir-rikorrenti kontra l-persuna jew persuni li kienu involuti fil-kiri tal-containers in kwistjoni si et quatenus;*

*iv Illi x-xjenza o meno tar-rikorrenti, sid il-containers, ma tiċċentrax fil-materja. Għal fini tal-artikolu 68 dak li jitqies l-aktar ċentrali hu l-fatt li l-containers intużaw sabiex jiġi mwettaq reat kontra l-ordinanza doganali u li, b' konsegwenza assoġġetta l-istess containers għall-konfiska. Minn qari tal-artikolu 68 tal-Kap. 37 jirriżulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qiegħed jitkellem fuqha l-1eġislatur hija ta' dak li jkun qiegħed juża l-containers. Imkien il-liġi ma tagħmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess mezz ta' ġarr;*

*v Illi dawn id-dikjarazzjonijiet qarrieqa kienu se jkunu ta' detriment għan-negozjanti onesti li jiddikjaraw il-merkanzija tagħhom b'mod leali u ai termini tal-liġijiet doganali, li kieku dawn il-containters ma kinux spezzjonati;*

*vi Illi di piu , il-proċedura tal-konfiska doganali hija proċedura in rem, u għalhekk għal fini ta' dawn il-proteċuri huwa assolutament irrelevanti l-argument tar-rikorrenti meta jgħidu li kienu għal kollox estraneji għall-għemil ta' terzi. L-allegata buonafede u innoċenza tal-proprjetarji ma jaffetwawx il-validita' tal-konfiska. Il-kompitu ta' din l-OnorabbIi Qorti huwa li tiddetermina jekk il-konfiska tal-merkanzija saritx fil-parametri tal-liġijiet doganali;*

3. *Illi għar-raġunijiet hawn fuq esposti jirriżulta li l-esponent ottempera ruħu mal-liġi u għalhekk l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti lil-imsemmijja containers ma kellhomx jiġu maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid 421/2019 li qed tiġi kkontestata permezz tal-azzjoni odjerna, u li inħarġet inġustament, b'mod arbitrarju u mingħajr ġustifikazzjoni legali ma' jreġġux.*

4. *Illi inoltre, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-qbid qiegħed jikkawżalhom danni nġenti huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt, u l-esponent jirribatti li ma jistax jiġi miżmum responsabbli għal xi danni kif jipprovdi l-artikolu 68(3) tal-Kap. 37. Ġialadarba aġixxa b'mod ċar entro l-paramentri tal-liġi, u se mai tali danni jridu jiġu ppruvati kif teħtieġ il-liġi. Di piu', fl-ebda mument sa issa ma jirriżulta li r-rikorrenti għamlu talba ai termini tal-artikolu 72(4) tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jieħdu lura l-containers in kambju għal garanzija adekwata;*

5. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-każ*

*Għaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, fosthom in-Nota ta’ Qbid Nru 421/2019 maħruġa fit-13 ta’ Novembru 2019. (fol 18)

4. Rat l-affidavit ta' **Pierre Muscat**, *Operations Manager* tal-kumpanija Bianchi Trading & Shipping Limited ippreżentata fil-25 ta' Ġunju 2020 (fol 40), flimkien ma’ dokumenti (fol 45 *et sequitur*).

5. Rat l-affidavit ta' **Federico Angiolini**, *Operations Manager*, ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2020 (fol 70) flimkien ma’ dokumenti (fol 73).

6. Rat l-affidavit ta’ **Guillermo Matias Svachka**, *Managing Director*, ippreżentat fit-2 ta’ Diċembru 2020 (fol 82) flimkien ma’ dokumenti (fol 85 *et sequitur*).

7. Rat l-Ittra Legali mibgħuta lid-Direttur tad-Dwana mill-konsulenti legali tas-soċjeta' rikorrenti fit-12 ta’ Diċembru 2019, ippreżentat fit-2 ta' Diċembru 2020 (fol 93).

8. Semgħet ix-xhieda ta’ **Joseph Chetcuti**, Direttur Ġenerali tad-Dwana, prodott mis-soċjeta' rikorrenti u mogħtija fit-2 ta’ Diċembru 2019 (fol 94).

9. Rat li permezz ta' rikors datat 9 ta' Diċembru 2020, s-soċjeta' rikorrenti talbet illi tagħmel talba addizzjonali fejn titlob li jiġi dikjarat li n-Nota ta' Qbid numru 421/2019 tat-13 ta' Novembru 2019, kif maħruġa lis-soċjeta’ Bianchi Trading & Shipping

Limited, hija nulla u tordna r-rilaxx tal-imsemmija containers, liema rikjesta ġiet milqugħa permezz ta' digriet tas-7 ta' Jannar 2021 (fol 117).

10. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mid-Direttur Ġenerali (Dwana) fit-8 ta' Frar 2021 permezz ta’ nota wara ix-xhieda preċedenti tiegħu (fol 121).

11. Semgħet ix-xhieda ta' **Ian Muscat**, Direttur fid-Dipartiment tad-Dwana, mogħtija fid-19 ta’ Frar 2021 (fol 130).

12. Rat in-nota ta’ kjarifika ppreżentata mid-Direttur Ġenerali (Dwana) fid-29 ta' April 2021 wara x-xhieda ta’ Ian Muscat (fol 145).

13. Rat l-affidavit ta' **Mark Bianchi**, Direttur fis-soċjeta' rikorrenti, ippreżentat fl-4 ta’ Mejju 2021 (fol 149) flimkien ma’ dokumenti (fol 154).

14. Semgħet ix-xhieda ta' **George Agius**, Manager Special Teams mad-Dipartiment tad-Dwana u mogħtija fis-6 ta' Lulju 2021 (fol 167).

15. Rat illi fis-6 ta’ Lulju 2021 is-soċjeta' rikorrenti dikjarat illi ma kellhiex aktar provi x’tippreżenta.

16. Rat l-affidavit ta' **George Scerri** ippreżentat fis-17 ta’ Novembru 2021 (fol 187).

17. Rat l-affidavit ta' **Sean Gatt** ippreżentat fis-17 ta’ Novembru 2021 (fol 188) flimkien ma’ dokumentazzjoni.

18. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Pierre Muscat mogħtija fit-8 ta' Frar 2022 (fol 196).

19. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Federico Angiolini mogħtija fil-11 ta' Mejju 2022 bil-lingwa Ingliża permezz ta' video conference (fol 205).

20. Semgħet ix-xhieda ta' Sean Gatt in kontro-eżami mogħtija fl-10 ta’ Novembru 2022 (fol 211).

21. Semgħet ix-xhieda ta' George Scerri in kontro-eżami mogħtija fl-10 ta' Novembru 2022 (fol 217).

22. Rat li fis-7 ta' Frar 2023, il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali wara li ngħalqu l-provi tal-partijiet.

23. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali bil-miktub tar-rikorrenti ppreżentata fis-7 ta' Frar 2023 (fol 222).

24. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet responsiva bil-miktub tad-Direttur Ġenerali (Dwana) ippreżentata fit-3 ta' Mejju 2023 (fol 241).

25. Rat illi fit-3 ta’ Mejju 2022, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

## Fatti tal-każ

26. Jirriżulta li, fid-9 u l-11 ta’ Ottubru 2019, id-Direttur Ġenerali (Dwana) għamel ispezzjoni fuq tliet containers enumerati CAIU 3243135, TCLU 6690724 u GESU 6408252, li kienu abbord il-bastiment Norderoog, liema containers ġew sussegwentement maqbuda permezz ta' nota ta' qbid numru 421/2019, datata 13 ta’ Novembru 2019.

27. Jirriżulta, mir-rikors promotur u dokumentazzjoni eżebita. li s-soċjetà rikorrenti Bianchi Trading and Shipping Limited, taġixxi bħala aġent tas-soċjetà estera Hapag Lloyd Aktingesellschaft, liema soċjeta’ estera hija l-operatriċi u l-kerrej ta' tliet containers hawn fuq imsemmija.

28. Jirriżulta fil-fatt, li l-istess soċjetà rikorrenti estera kienet ġiet inkarigata biex iġġorr l-imsemmija containers mill-port ta' Jebel Ali ġewwa Dubai sal-port ta' Bar li jinsab ġewwa Montenegro.

29. Jirriżulta li l-istess kontejners tniżżlu fil-port ta' Montenegro, iżda ma ġewx irtirati, b'hekk ġew ritornati lis-shipper rispettiv ġewwa Dubai. Jirriżulta, li fit-traġitt lura lejn Dubai, il-bastiment Norderoog, li kien qed jittrasporta l-imsemmija containers kellu jieqaf fil-port ta' Marsaxlokk għal transshipment.

30. Jirriżulta li is-soċjetà rikorrenti ġiet infurmata permezz ta' żewġ emails mibgħuta mid-Direttur Ġenerali (Dwana) li dawn it-tliet containers kienu ġew magħżula biex isirilhom scanning rispettiv.

31. Jirriżulta sussegwentement li permezz ta’ nota ta' qbid maħruġa fit-13 ta' Novembru 2019, is-soċjetà rikorrenti ġiet formalment infurmata li t-tliet kontejners in kwistjoni, ġew maqbuda mid-Direttur intimat a tenur tal-artikoli 68(1), 69(1) u (2) tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta’ Malta.

32. Jirriżulta li skont dak indikat fil-Bills of Lading, it-tliet containers in kwistjoni, kellhom jikkonsistu unikament f’*tobacco paper*. Madanakollu, l-ispezzjoni tad-Dwana wriet li attwalment dawn il-containers kienu qed iġorru *tobacco* mhux iddikjarat.

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali (Dwana)**

33. Tramite l-ewwel eċċezzjoni preliminari, ġie eċċepit li l-proċedura ta' l-azzjoni odjerna kellha tiġi intavolata permezz ta' rikors, u mhux rikors ġuramentat, u dan ai termini tal-artikolu 73 tal-Kap 37.

34. Din il-Qorti tippuntwalizza, tenut kont ta' l-artikolu tal-liġi, li r-rikors ġuramentat in kwistjoni, huwa rikors validu bir-rekwiżiti kollha meħtieġa skont il-liġi. Jekk proċedura bħal din kienet tirrikjedi unikament rikors, il-fatt illi r-rikors kien ukoll “ġuramentat” ċertament ma jista’ qatt jitqies bħala nuqqas fatali ghall-proċedura odjerna. Dan jingħad għax, mil-lat proċedurali, anke kif stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana, m’hemmx lok għal proċeduraliżmu żejjed.

35. Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminarti tal-intimat Direttur Ġenerali (Dwana).

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

36. Il-qofol tal-proċeduri odjerni huwa il-kontenut ta’ dak dikjarat fil-*Bills of Lading*, b'referenza għat-tlett ‘containers’, fejn dawn jindikaw b’mod ċar, li l-merkanzija f'dawn il-‘containers’ tikkonsisti f’’*tobacco paper*’. Madankollu, jirriċulta, min-nota ta' qbid numru 421/2019, li dawn attwalment kienu qed iġorru tabakk u mhux ‘tobacco paper.

37. Mill-provi joħroġ ċar li hemm diskrepanza bejn dak indikat fil-Bills of Lading u dak li attwalment kien qed jinġarr, liema diskrepanza wasslet għaż-żamma tal-containers u eventwali konfiska tagħhom peress li kienu jikkontjenu tabakk li ma kienx iddikjarat, u għalhekk ġew ivvjolati l-artikolu 68(1) u 69(1) u (2) tal-Kap 37.

38. Jirriżulta illi filwaqt illi t-tabakk innifsu ġie wkoll konfiskat, il-containers li fih inġarret ukoll tali merkanzija mhux dikjarata ġew ikkonfiskati wkoll, la darba kienu anċillari u essenzjali għall-ksur kommess. Fil-fatt, in-nota ta' qbid numru 421/2019, tistipula is-segwenti:

> *“Container units above mentioned were used as a mode of convenience for incorrectly declared goods at Malta Freeport Terminal on 9th and 11th October 2019.”*

39. Jiġi rilevat li r-rikorrenti, permezz ta’ ittra datata 12 ta’ Diċembru 2019 mibgħuta lid-Direttur Ġenerali Dwana, ikkonfermaw tali fatti, u dana meta qalu s-segwenti:

> *“Please be informed that our clients strongly contest this seizure given that they had absolutely no knowledge of the importation, concealing or conveyance of any uncustomed or other goods that could be liable to forfeiture under the Customs Ordinance. Consequently, our clients may not be found in breach of Article 68(1), 69(1) and (2) of Chapter 37 of the Laws of Malta, given that the alleged breach was solely the responsibility of third parties.”*

40. L-osservazzjoni primarja ta’ din il-Qorti hija, li tlett containers, ġew maqbuda bin-Nota ta’ Qbid numru 421/2019, proprju għaliex, kif jinsab ammess fl-ittra suċitata, li kien hemm ‘alleged breach’ li ta’ lok għall-merkanzija diversa, minn dak indikat fil-Bills of Lading relatati ma’ din il-merkanzija.

41. Fil-każ odjern, kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li tipprova li l-kontenut tal-merkanzija fil-containers kien attwalment l-istess bħal dak dikjarat, ossija ‘tobacco paper’, a differenza ta’ dak dikjarat li sab id-Direttur Ġenerali Dwana, ossija ‘tobacco’. Din il-prova ma saritx għas-sodisfazzjoni tal-Qorti.

42. Il-Qorti hawnhekk tqis illi huwa rilevanti tirreferi għal dak ipprovdut fl-**artikolu 77 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta’ Malta** li jistipula:

> *“Jekk meta jiġu mitluba lura oġġetti, maqbuda minħabba nuqqas ta' ħlas ta' dazju, jew għal raġuni oħra li ġġib magħha l-konfiska, inkella fi proċedimenti għall-ġbir ta' xi piena ta' flus jew xort'oħra skond din l-ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oġġetti kienx ġie mħallas, jekk dawk l-oġġetti kinux ġew importati jew trasbordati jew żbarkati skont il-liġi, jew dwar il-lok minn fejn kienu ġew dawn l-oġġetti, f'kull wieħed minn dawn*

*il-każijiet il-prova tiegħu tmiss lil persuna li tagħmel dik it-talba jew lill-imputati kontra tiegħu, isir dak il-proċediment, skont il-każ."*

43. Minn din id-dispożizzjoni tal-liġi, huwa evidenti li l-oneru tal-prova jinkombi fuq min qed jippretendi li jieħu lura l-oġġetti. Il-ġurisprudenza nostrana hija paċifika wkoll, fuq dan il-punt, u tisħaq li huwa dak li qed jattakka l-ħruġ ta' nota ta' qbid li għandu jġib il-prova meħtieġa għas-sodisfazzjon tal-Qorti, sabiex jiġi deċiż jekk kienx ġustifikat, li tinħareġ in-nota ta' qbid in kwistjoni. (Ara **Guido Vella vs il-Kontrollur tad-Dwana** 71/2015 deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-31 ta' Mejju 2018).

44. Fil-karenza ta' prova konkreta, din il-Qorti tikkondividi dak sottomess mid-Direttur intimat, li ladarba hemm diskrepanzi fid-dokumenti, tal-Bill of Lading u l-merkanzija li nġarret fil- 'containers' maqbuda, id-Direttur Ġenerali tad-Dwana, kellu kull dritt jikkonfiska l-imsemmija 'containers'. Il-Bills of Lading iridu jkunu preċiżi fid-deskrizzjoni tal-oġġetti u jridu jirriflettu dak li fil-fatt, ikun qed jinġarr bħala merkanzija.

45. F'dan il-kuntest huwa relevanti, **l-artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jipprovdi:

*"Il-bastimenti, il-vetturi, mezzi oħra ta' ġarr kollha u kull ħaġa li tista' żżomm fiha kwalunkwe oġġetti oħra flimkien maż-żwiemel jew annimali u oġġetti oħra li jkun sar xjentement użu minnhom fl-importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fit-tiżmim, fil-ħabi, jew fih ġarr ta' kwalunkwe oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas, jew oġġetti oħra li jkunu taħt din l-Ordinanza, suġġetti għal konfiska għandhom jiġu ikkonfiskati."*

46. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fl-ewwel talba, kif emendata, tar-rikorrenti, il-Qorti ġiet mitluba tiddikjara illi l-Qbid huwa null, peress illi tali Nota hija indirizzata lis-soċjeta differenti minn dik illi attwalment hija aġent tas-soċjeta' sid tal-containers, ossija is-soċjeta' rikorrenti Bianchi & Shipping Limited, u mhux is-soċjeta' Bianchi & Co Limited, illi, skond l-istess soċjeta' rikorrenti, hija attwalment l-aġenta tas-soċjeta' estera - inċidentalment din is-soċjeta' imsemmija lanqas ma hija s-soċjeta' rikorrenti li nediet il-proċeduri odjerni.

47. Il-Qorti tosserva illi, kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tad-direttur intimat, il-liġi doganali fl-artikolu 68 tal-Kap 37, tirreferi għal mezzi ta' ġarr li jintużaw fl-iffaċilitar ta' ħabi jew tmexxija ta' oġġetti, li b'xi mod jew ieħor jiksru l-Ordinanza tad-Dwana. Ġie sottomess ukoll, li l-liġi ma tagħmel l-ebda aċċenn għal persuni f'dan l-artikolu, li jfisser li l-breach doganali, huwa fin-natura tiegħu, *in rem*. Huwa immaterjali min hu sid l-oġġett, iżda dak importanti huwa l-istat ta' fatt, li jkun riskontrat mill-uffiċjali tad-dwana, jekk dak il-mobbli jew immobbli, kienx użat fil-ġarr jew ħabi ta' oġġetti sdazjati. F'dan is-sens, saret referenza wkoll għall-kawża Kostituzzjonali fl-ismijiet **Mario Falzon versus Kummissarju tad-Dwana** deċiża mill-Qorti Ċivili Prim' Awla Sede Kostituzzjonali, fejn fil-31 ta' Mejju 2018, fejn ġie stabbilit li l-qbid doganali huwa indipendenti minn kull kwistjoni ta' ħtija jew xjenza tas-sid. F'dan il-każ, ġie ribadit:

*"Illi madankollu l-interpretazzjoni mogħtija mill-qorti nostrana għall-proċedura ta' konfiska, hija li din hija klassifikata bħala azzjoni in rem.*

*Hekk sabet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha mogħtija fid- 29 ta' Jannar 2016, fil-kawża fl-ismijiet* ***Ahmed Ibrahim Hassan Ahmed Arafa vs Kontrollur tad-Dwana.*** *Hemm, ir-rikorrent ittenta azzjoni skond l-artikolu 72 tal-Kap 37, u sostna li huwa kien kompletament estraneju għall-allegat att kriminali, fejn f'dan il-każ kien ġie ritenut:*

*Fil-fatt fil-ġurisprudenza tagħna ġie bosta drabi ritenut illi: 'għall-fini tal-artikolu 68, dak li jitqies l-aktar ċentrali, hu l-fatt li l-vettura intużat biex jiġi mwettaq reat kontra l-Ordinanza doganali, u li, in kwantu tali, kien assoġġetta l-istess vettura għall-konfiska. Anke jekk il-fatti huma diversi l-osservazzjoni in calce tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Frar 2003 in rem: "****Cara Limited vs Kontrollur tad-Dwana****" tibqa' wahda valevoli. Appropożitu jingħad fiha, illi il-proċeduri ta' konfiska imma proċeduri in rem. Ġaladarba l-merkanzija daħlet Malta kontra l-Ordinanza tad-dwana, l-intimat kellu s-setgħa li jikkonfiskaha (Ara* ***Francis Xuereb pro et noe. vs Kontrollur tad-Dwana****, deciza mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri fl-10 ta' Ottubru 2005).*

*Jiġi osservat ukoll illi x-xjenza o meno ta' sid il-bastiment jew sid il-vettura, skond il-każ ma tikkonċentrax fil-materja. Kif ritenut minn din il-qorti fis-sentenza tagħha tad- 29 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet* ***Helen Samantha Brett vs Kontrollur tad-Dwana****:*

*"Illi minn qari ta' l-artikolu 68(1) tal-Kap 37, jirriżulta bla ebda dubju illi x-xjenza li qiegħed jitkellem fuqha l-leġislatur, hija ta' dak li jkun qiegħed juża l-bastiment. Imkien fil-liġi ma tagħmel distinzjoni bejn is-sid u l-utent tal-istess bastiment. Għalhekk, fejn il-liġi ma tiddistingwix, lanqas m' għandhom jiddistingwu dawn il-qrati."*

48. Din il-Qorti tistqarr illi hija kemmxejn perplessa kif is-soċjeta' rikorrenti Bianchi Trading & Shipping Limited, illi għaliha qiegħda tidher bħala mandatarja tagħha Dr Abigail Bugeja, fatt li minnu nnifsu huwa ġia skonċeranti stante illi s-soċjeta Bianchi Trading & Shipping Limited setgħet faċilment tidher hija stess bħala rikorrenti stante illi hija korp ġuridiku legalment stabbilit f'Malta, f'nofs il-proċeduri odjerni, tiskopri illi attwalment hija MA HIJIEX l-Aġent tal-kumpannija estera u li attwalment hija s-soċjeta' Bianchi & Co Limited, soċjeta' illi taq' taħt l-umbrella tal-kumpanniji Bianchi, li hija l-Aġent tas-soċjeta' estera.

49. Dana qiegħed jingħad għax, kemm fl-ittri interpellatorji tagħhom kif ukoll fl-ewwel paragrafu tar-rikors, li ġie wkoll ġuramentat, hemm dikjarat bil-ġurament illi s-soċjeta Bianchi Trading & Shipping Limited, qed taġixxi bħala aġent tas-soċjetà estera Hapag-Lloyd Aktiengesellschaft, li hija l-operatriċi u l-kerrej tat-tliet 'containers' enumerati CAIU 3243135, TCLU 6690724, u GESU 6408252. Inoltre`, fl-affidavit tiegħu, Pierre Muscat jikkonferma, li huwa Operations Manager ta' Bianchi Trading & Shipping Limited, li kienet infurmata bil-qbid tal-containers.

50. Għalhekk, tali linja difensjonali ma tistax tiġi aċċettata.

51. Il-Qorti tosserva wkoll illi, fis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti nomine, issir referenza għall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi din

m' hijiex kawża ta' indoli Kostituzzjonali. Għalhekk, tenut kont tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ, l-argument sottomess mir-rikorrenti ma jreġġix.

52. Referibbilment għat-talba rigward danni sofferti, jiġi puntwalizzat, li mill-Artikolu 1045(1) jirriżulta ċar li jeħtieġ ness ta' kawża u effett ma' l-att jew ommissjoni, u l-effett dirett fuq min qed jirreklama danni. Iżda, fil-każ in eżami, mhux talli din il-prova ta' danni ma tressqitx, illi r-rikorrenti ma jistgħux jirreklamaw l-ebda danni sofferti, għaliex il-konfiska tal-merkanzija u tat-tlett containers saret, għax kienu qed iġorru tabakk mhux iddikjarat.

53. It-tlett containers fuq imsemmija propjeta' tas-soċjeta' estera kienu qed jintużaw sabiex jinġarr merkanzija mhux dikjarata, u li għalhekk fuqha ma tħallasx id-dazju meħtieġ, u għalhekk, skattaw id-dettami tal-artikolu 68 tal-Kap 37 tal-Liġijiet ta' Malta, li taw lok għall-konfiska tal-merkanzija, u tat-tlett kontejners mertu ta' dan il-każ, liema konfiska kienet ġustifikata u permessa bil-liġi, kwindi, m' hemmx lok għal ebda danni pretiżi.

54. Konsegwentement, it-talbiet rikorrenti ma jimmeritawx illi jintlaqgħu u din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti nomine għall-motivi spjegati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semgħet ix-xhieda u rat id-dokumentazzjoni ppreżentata quddiemha;

Wara li rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali (Dwana).

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet rimanenti fil-mertu, u għalhekk:

**Tiċħad it-Talbiet** tar-rikorrenti nomine kif dedotti għall-motivi spjegati.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti nomine.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur